**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum is-27 t' Awwissu, 2025**

**Rikors numru: BCT/39/2024**

**Membri:**

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

---

**Elidon Tomorrica**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell li sar permezz ta' *email* datata 9 ta' Gunju, 2025 fejn l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata wkoll 9 ta' Gunju, 2025 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' elf euro (€1000) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 tramite kontaminazzjoni fit-triq b'camura jew forma ohra ta' tniggiz li johrog barra minn gos-sit.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi flimkien ma' din ir-risposta, qeghdin jigu annessi u mmarkati bhala Dok A u Dok B rispettivament Trail of Events u sett ta' ritratti.*

3. *Illi hekk kif jidher mid-dokumenti annessi l-Awtorita` kellha ragun li imponiet il-penali odjerna, hekk kif ser jkun sostanzjat fit-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha, inkluzi r-ritratti ezebiti;

Sema' x-xhieda ta' Romina Camilleri waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2022 meta l-appellanti ddikjara li m'ghandux aktar provi xi jressaq.

Sema' x-xhieda ta' Jesmond Mifsud waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju, 2025 meta l-Awtorita` wkoll iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi u l-appell thalla ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta li l-Awtorita` qed timputa lill-appellanti li dan ikkontamina t-triq b'camura jew forma ohra ta' tniggiz li johrog barra minn gos-sit bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08.

Permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi l-kontaminazzjoni u t-tniggiz lamentat mill-Awtorita` ma kienx derivat mis-sit li ghalih kien responsabbli tant illi, minkejja li l-impjegati marru minnufih fuq isi-sit malli sar kuntatt mill-Awtorita` biex jiehu l-azzjoni rimedjali opportuna, huma ma sabu l-ebda kontaminazzjoni jew tniggiz. Madanakollu, l-ghada innutaw li kien hemm spill gejja minn sit iehor fejn kien hemm ready mix u pompa ghall-konkos. A

konferma ta' dan xehdet fid-dettall il-Project Manager tas-sit, Romina Camilleri, fejn fissret li ttiehed vidjow fuq is-sit taghha a konferma li ma kinex hemm tniggiz hiereg minnu li ntbaghat lill-ufficjali tal-Awtorita` fejn dawn ma wegbuhiex iktar.

Ikkonfermat ukoll li l-ghada f'sit iehor innutat "*spillage sinjifikanti li kien idur mad-dawra kollha tal-Knisja fejn kienet armata din il-pompa li semmejt aktar qabel fis-sit l-iehor u minnufih hadt ritratti li jien bghatt lill-ufficjali tal-Awtorita` Jesmond u Sandro. Dakinhar stess nghid illi kkuntatjajt lill-Kunsill Lokali ta' Bormla biex ninfurmahom b'dak li jien kont rajt u huma wegbuni li huma diga` kienu irrapurtaw dak li jien kont rajt u wkoll immultaw lill-kuntrattur relattiv. Fil-fatt gejt infurmata wkoll li l-Kunsill Lokali kellu jinforma lill-BCA biex jirraporta dan il-kaz ukoll.*
*Nghid illi kif jirrizulta anke mir-ritratti esebiti, l-ispillage li kien hemm fit-triq u li jien rajt kien wiehed ta' lewn bajdani. Nghid illi dakinhar tar-rapport ix-xoghol li kellu jsir fis-sit taghna kien jinvolvi l-ghoti ta' concrete grade C30 li anke meta mifqugh bl-ilma ikollu dejjem lewn griz u mhux abjad.*"

In kontro-ezami ikkonfermat ukoll li, ghalkemm lill-kuntrattur l-iehor ma kellmitux, "*dan il-kuntrattur kellu s-sit tieghu fl-istess triq imma ferm aktar 'l isfel, vicin fejn kien hemm l-ispillage li kien qed jigi rraportat.*"

Illi da parti taghha l-Awtorita` ressqet bhala xhud taghha lill-ufficjal Jesmond Mifsud li jidher li huwa proprju wiehed mill-ufficjali taghmel referenza ghalih ix-xhieda ta' Camilleri fix-xhieda taghha. Dan ix-xhud fisser kif l-ewwel hu mar fuq sit iehor fejn sab lis-site manager relattiv li ddikjara li "*xoghol ta' konkos hu ma kienx ta*". Minn tali xhieda jirrizulta li kien proprju abbazi ta' indikazzjoni moghtija lilu minn dan is-site manager, certu David Abela, li wassal sabiex Mifsud indirizza lill-appellanti odjern. Fil-fatt, huwa spjega "*l-ilment dahal minghajr PA number u allura ahna kellna naraw is-sit relattiv ghal-liema PA number jirreferi. Kien dan David Abela li rreferiena ghal PA number iehor li kien progett dwar culvert li huwa l-PA li semmejt 8976/19*"

Fix-xhieda tieghu, Mifsud ikompli jghid: *illi fuq is-site jidher li kien hemm zewg PAs ghaddejjin. Fuq mistoqsija tat-Tribuna nghid illi wasalna ghall-konkluzjoni illi din ic-canura gejja minn dan is-sit peress illi din kienet tibda madwar hames metru mill-hoarding ta' dan is-sit li kien jidher li gie mahsul imma l-konkos kien jidher niezel minn din id-distanza li semmejt.*

*Nghid illi, fuq mistoqsija tat-Tribunal, investigazzjoni ta' PAs ohrajn ma sarx peress illi fil-fehma taghna dan il-konkos fit-triq kien ghadu frisk u jaqbel max-xoghol li kien qed isir fil-culvert. Nghid pero` li fuq is-sit ma kien hemm hadd u allura xoghol li kien qed isir skont dan it-tieni PA, ahna ma rajniex.*

Huwa stqarr li xoghol iehor fit-triq ma rax u li wara li johrog il-penali huwa m'ghamilx investigazzjoni ulterjuri dwar passi li setghu ittiehdu mill-Kunsill Lokalli kif kien qed jigi suggerit lilu in kontro-ezami.

Illi ghandu jigi kkunsidrat li l-livell ta' prova mehtiega minn dan it-Tribunal m'hijiex wahda li teskludi kull dubbju ragjonevoli. Fil-fatt jinsab deciz illi:

> *Minkejja li dan it-Tribunal ma huwiex forum kriminali fejn l-oneru ta' prova għandu jkun mingħar ebda ombra ta' dubju, huwa xorta mistenni li jkun hemm l-konvinċiment u provi sostanzjali li fuq bażi ta' probabilita' jindikaw li dak il-fatt sar.* (decizjoni minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut datata 5 ta' Diċembru, 2023 Rikors numru: BCT/43/2023 **James Dalli Vs Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**)

Illi bl-istess mod jinsab deciz li fl-ambitu ta' proceduri quddiem tribunal amministrattiv bhal dak odjern:

> *Dan it-Tribunal mhuwiex tal-fehma illi multi amministrattivi ta' dan it-tip ghandhom jigu trattati daqs li kieku kienu multi inflitti wara process kriminali u ghaldaqstant l-oneru tal-prova dwar dak allegat jibqa' regolat bir-regoli procedurali fil-kamp amministrattiv, u cioe`, li l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli.* (deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit-13 ta' Gunju 2017 Rikors Numru. 158/2013 fl-ismijiet **Kenneth Vassallo Vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**).

It-Tribunal jisqarr minnufih li f'dan il-kaz huwa car li l-Awtorita` ma rnexxilhiex tipprezenta dawk il-provi mehtiega biex inisslu dik ic-certezza morali mehtiega mill-gudikant biex isib li d-decizjoni appellata indirizzata fil-konfront tal-appellanti kienet wahda gustifikata. Fl-ewwel lok huwa l-istess ufficjal li jindika li s-sit li minnu huwa jidher li haseb li kien qed jorigina t-tniggiz kien soggett ta' zewg permessi. Jidher ukoll li huwa ghazel li johrog il-penali fil-konfront tal-appellanti odjern semplicement wara li kien l-ewwel *site manager* li rreferih ghat-tieni permess. Huwa car li dan huwa wisq il boghod mil-livell ta' investigazzjoni mehtiega minn ufficjal sabiex dan ikun jista' validament jimputa nuqqasijiet lil persuni partikulari u jimponi penalitajiet abbazi tar-rizultanzi relattivi. Apparti li m'ghandux ikun sufficjenti ghal ufficjal li semplicement jimputa ksur tal-legislazzjoni fuq *site manager* partikulari esklussivament ghaliex *site manager* iehor iwahhal fit-tieni wiehed (jew, bhala ma jidher li gara f'dan il-kaz, 'jirreferi' ghal permess iehor), f'kazijiet bhal dawn certament jinkombi fuq l-ufficjal li jinvestiga debitament is-sors ta' tali tniggiz billi jikkunsidra x-xogholijiet kollha li setghu kienu qeghdin isiru fiz-zona, inkluz billi jigbor testimonjanzi okulari ta' nies jew rizultanzi cirkostanzjali jew oggetti ohrajn lilhinn minn dak li jista' jinghad minn persuna jew ohra biex tiskolpa ruhha u kwindi tehles mill-investigazzjoni billi tnissel dubbju fuq haddiehor. Anke in vista ta' tali dubbju, kien jinkombi fuq l-ufficjal li jkompli jinvestiga biex jaccerta li l-ewwel *site manager* tassew ma kienx responsabbli ghall-imputazzjoni sollevata kontrih, *multo magis* jekk f'dan il-kaz, *ex admissis*, kien qed jirrizulta li l-hmieg ma kienx jidher hiereg mis-sit imma kien jidher li jibda xi hames metri mill-hoarding ta' dan is-sit.

Huwa minnu li l-ufficjal jghid li, fil-fehma tieghu, dan il-konkos kien ghadu frisk u jaqbel max-xoghol li kien qed isir fil-culvert imma jikkonferma wkoll li, x'hin mar fuq is-sit, huwa ma sab hadd hemm u xoghol ma kienx qed isir. Ma tressqux provi dwar ix-xogholijiet li kien responsabbli ghalihom Abela u allura kif dawn gew eskluzi mill-investigazzjoni. Mifsud lanqas ma fisser kif rabat il-hmieg riskontrat fit-triq max-xoghol li, skont hu, kien qed isir fuq il-culvert mill-appellanti meta, skont it-Trail of Events tieghu stess, il-"*concrete spillage along the street*" sehh "*when a concrete truck washed its vehicle near the government site on Hanover Street*". Lanqas ma tressqet ebda prova mill-Awtorita` dwar kif gie determinat dan u allura liema truck kien inhasel minn min u b'rabta ma' liema sit jew permess ta' zvilupp. Dan kollu kien kjarament jinkombi fuq l-ufficial tal-Awtorita` f'cirkostanzi bhal dawn fejn, *ex admissis*, iz-zona tidher li kienet karaterrizata minn ghadd ta' permessi ta' xoghol vigenti b'xogholijiet ghaddejin f'aktar minn sit wiehed. Kien jinkombi wkoll fuq l-Awtorita` li tfisser kif wasslet ghall-konkluzjoni li kien xi trukk involut f'xoghol fuq culvert u li ghalih kien responsabbli l-

appellanti li effettivament ikkaguna t-tniggiz dokumentat fir-ritratti. Minn dan kollu ma jidher li sar xejn u lanqas ma tressqu provi sufficjenti f'dan ir-rigward tenut kont il-kontenut tal-appell odjern u x-xhieda ta' Camilleri a sostenn tal-istess.

In fatti, da parti tieghu l-appellanti, kemm tramite l-appell tieghu u kif ukoll tramite x-xhieda ta' Romina Camilleri, ikompli jitfa' dubju serju dwar in-ness kawzali bejn ix-xoghol imwettaq minnu u l-hmieg fit-triq, inkluz il-kulur tieghu, il-vidjow muri u wkoll ir-referenza ghal kuntrattur iehor li jidher li gie rrapurtat ukoll mill-Kunsill Lokali tal-Birgu, almenu skont ix-xhieda tal-istess Camilleri.

F'cirkostanzi bhal dawn it-Tribunal necessarjament ikollu jsib li l-Awtorita` ma rniexxielhiex tissodisfa l-oneru tal-prova imqieghed fuqha kif imfisser hawn fuq.

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jilqa' l-appell u kwindi jirrevoka u jhassar id-decizjoni appellata datata 9 ta' Gunju, 2025.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Philip M. Magri** | **Perit Robert Sarsero** | **Ing. Anthony Camilleri** |
| Chairperson | Membru | Membru |